MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 277/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, gia Guardian Royal Exchange PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Pizzuto u l-istess Joseph Pizzuto f`ismu**

**vs**

**Paul Pullicino, Rosario Gatt u George Pace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-vettura CAQ 068 hija proprieta` tal-assigurat nomine u assigurata b`polza ta' assigurazzjoni 'comprehesive' mal-attur nomine hlief ghall-Lm25 'excess';

Illi fl-10 ta' Gunju 1999 go Burmarrad, il-konvenuti jew minn minnhom kienu qed isuqu il-vetturi JAB 098, GAT 001 u KAT 100, u habtu, jew min minnhom mal-vettura CAQ 068 proprieta` ta' Joseph Pizzuto u misjuqa minn Vivienne Mercieca, u kkawzaw jew minn minnhom hsarat fuq din il-vettura u ghal dan l-incident kienu huma jew minn minnhom unikament responsabbli minhabba non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

Illi l-attur hallas l-ammont ta' Lm1513 (elf, hames mija u tlettax-il lira maltin) kwantu ghall-Lm1488 (elf, erba` mija u tmienja u tmenin lira Maltin) imhallsa mill-assigurazzjoni nomine u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25) 'excess' imhallsa minn Joseph Pizzuto;

Illi interpellati jhallsu, l-konvenuti jew min minnhom baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu gahliex dina l-Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, ghall-incident stradali fuq imsemmi ghar-ragunijiet hemm citati;

2. tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' Lm1513 (elf, hames mija u tlettax-il liri maltin), jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti, mhallsa mill-attur nomine u ghal liema jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, kwantu ghal Lm1488 danni u kwnatu ghall-Lm25 'excess';

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dik is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Dicembru 1999 u bl-imghax tat-8% fuq Lm1513 mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Elmo Insurance Services Ltd. u Citadel Insurance p.l.c. assiguraturi tal-konvenuti jew min minnhom, li huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Pullicino fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b`tort tal-eccipjent, izda b`tort tas-sewwieq tal-karozza CAQ 068 proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta` attrici minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Pullicino debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Pace fejn gie eccepit :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b`tort tal-eccipjent, izda b`tort tas-sewwieq tal-karozza CAQ 068 proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta` attrici minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut George Pace debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-konvenuti Pace u Pullicino tal-19 ta' Novembru 2002 fejn l-istess konvenuti ddikjaraw li mhux

qed jopponu l-quantum tad-danni reklamati u ma hemmx ghalfejn li isiru provi ulterjuri f'dan ir-rigward;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet lill-konvenuti Pace u Pullicino;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta' Gunju 1999 sehh incident stradali gewwa Burmarrad. Il-habta sehhet bejn vettura tal-marka Daihatsu numru ta' registrazzjoni CAQ 068 proprjeta tal-attur Josph Pizzuto u li kienet misjuqa minn bintu Vivienne Pizzuto illum Mercieca u l-van misjuq mill-konvenut Rosario Gatt numru ta' registrazzjoni GAT 001. Jirrizulta li l-vettura tal-konvenut Paul Pullicino, cioe' l-Ford Fiesta numru KAT 100, fil-hin ta' din il-habta kienet parkeggjata filwaqt li fl-istess hin tal-kolizzjoni il-konvenut l-iehor George Pace bil-vettura numru ta registrazzjoni JAB 098 kien ser jissorpassa l-imsemmija vettura parkeggjata tal-konvenut Pullicino;

Jirrizulta li l-imsemmija bint l-attur kienet qed issuq fid-direzzjoni tal-Mosta. Il-vettura tal-konvenut Pullicno kienet parkeggjata fuq in-naha tax-xellug ta kif kienet gejja bint l-attur filwaqt li l-konvenut l-iehor kien ukoll sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta. Il-konvenut l-iehor Gatt, li mieghu saret il-habta, kien niezel fid-direzzjoni opposta ghar-rigward tad-direzzjoni li fiha kienet qed issuq bint l-attur;

Il-vettura tal-attur Pizzuto sofriet diversi hsarat bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni u l-istess attur jippretendi li l-konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghall-istess habta u ghad-danni konsegwenzjali;

Jirrizulta li dawn id-danni b'kollox ammontaw ghas-somma ta' elf, hames mija u tlettax-il lira maltin (Lm1513). Min dawn l-attur thallas is-somma ta' elf, erba` mija u tmienja u tmenin lira maltin (Lm1488) mis-socjeta assikuaratrici tieghu, cioe' s-socjeta attrici, a bazi ta' polza ta' assikuarazzjoni "comprehensive" li kellu l-istess attur Pizzuto mal-istess socjeta attrici. L-attur Pizzuto hallas huwa stess ir-rimanenti hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25) bhala 'excess'. B'hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assigurat taghha sal-imsemmija somma ta' LmLm1488;

Bill-presenti procedura s-socjeta assikuratrici u l-attur Pizzuto qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati d-danni kolha relattivi u li l-konvenuti  jew min minnhom jigu kundannati jhallsu d-danni kollha hekk likwidati;

Il-konvenuti Paul Pullicino u George Pace qed jeccepixxu li l-incident in kwistjoni ma sarx b`tort taghhom izda b`tort tas-sewwieq tal-karozza proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta` attrici u b'hekk huma m'ghandhomx ihallsu ebda danni;

Jigi rilevat li z-zewg konvenuti Pullicino u Pace eccipew ukoll li l-ammont reklamat, fi kwalunkwe kaz, hu esagerat. Bl-imsemmija nota taghhom tad-19 ta' Novembru 2002 l-imsemmija konvenuti ddikjaraw li, in effett, mhux qed jikkontestaw l-ammont tad-danni reklamati u ghalhekk huma accettaw li d-danni kollha komplessivament jammontaw ghas-somma reklamata ta Lm1513;

Ovvjament dawk li b'xi mod jew iehor kienu involuti f'dan l-incident joffru verzjoni differenti ta' kif sehh l-istess incident. Hu ovvju ukoll li l-konvenut Gatt ma ghandu l-ebda htija jew responsabilita' ghar-rigward ta' din il-habta. Huwa kien niezel fit-triq tieghu meta bint l-attur marret fuq in-naha l-hazina tat-triq cioe' minn fejn kien niezel l-imstess konvenut Gatt u b'hekk sehhet il-kollizzjoni;

Bint l-attur qalet li f'hin minnhom, waqt li kienet qed issuq fid-direzzjoni tal-Mosta, is-sewwieq ta' vettura parkeggjata fuq ix-xellug taghha qabad u hareg. Ippruvat tevita din il-vetura u gibdet ghal nofs it-triq u spiccat fil-karreggjata l-ohra tat-triq cioe' minn fejn kien nizel it-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Dak il-hin kien niezel pick-up tal-marka Toyota misjuq mill-konvenut Rosario Gatt u sehhet il-habta in kwestjoni;

Ir-referenza ta' bint l-attur ghas-sewwieq ta' vettura parkeggjata hi referenza ghal-konvenut George Pace. Bint l-attur kompliet tixhed li l-imsemmija vettura bdiet hierga meta hi kinet ftit metri l-boghod minnha;

Dan il-konvenut George Pace kkonferma li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAB 098, li hi proprjeta tal-konvenut l-iehor Pullicino. Il-konvenut Pace jsostni li huwa ma kienx parkeggjat izda kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-Mosta. Huwa qal li fil-hin li kien xi hames karozzi tul il-boghod mill-karozza parkeggjata tal-konvenut l-iehor Pullicino huwa ra mill-mera tieghu warajh l-vettura misjuqa minn bint l-attur "tispinja" ghal fuq il-karreggjata opposta. Il-konvenut Pace spjega li dak iz-zmien kien jahdem mal-konvenut l-iehor Pullicino u dak il-hin kien sejjer biex jghin lill-istes konvenut Pullicino peress li l-karozza ta' dan tal-ahhar kienet waqafet bi hsara. Huwa qal li kien ghaddej fuq in-naha tax-xellug tat-triq, lejn il-hajt. Huwa qal ukoll li minhabba f'hekk, cioe' minhabba li kien ghaddej man-naha tal-hajt, huwa kellu johrog ghan-nofs it-triq biex jevita l-karozza parkeggjata ta' Pullicino. Huwa zied jghid li meta beda din il-manuvra l-vettura ta' bint l-attur kienet gia "spinjat" u habtet. Huwa kkonferma li kien xeghel l-indicator biex jindika li kien ser johrog lejn nofs it-triq. Ma setghax jispecifika l-velocita' tieghu pero' qal li kien ghaddej b'velocita' normali. Finalment ikkonfema li l-hsieb tieghu kien li jaqbez il-karozza ta' Pullicino u jipparekeggja quddiemha;

Minn naha tieghu l-konvenut Pullicino kkonferma li fil-hin tal-habta huwa kien barra mill-karozza tieghu li kienet parkeggjata peress li kellha xi hsara. Hu qal li ra lill-

konvenut l-iehor Pace qed javvicina u ghalhekk ghamillu sinjal biex imur fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza parkeggjata. Malli ghamel dan is-sinjal Pace beda jaqla lejn nofs it-triq sabiex jevita l-karozza parkeggjata;

L-istess konvenut Pullicino qal ukoll li ra ukoll il-karozza misjuqa minn bint l-attur li kienet qeda wara l-vettura misjuqa minn Pace. Huwa ra li bint l-attur tilfet il-kontroll tal-vetura li kienet qed issuq qabel ma l-konvenut Pace beda l-manuvra biex jersaq lejn nofs it-triq. Wara li haseb ahjar, pero' l-istess xhud qal li ra li bint l-attur bdiet titlef il-kontroll tal-karozza taghha malli huwa ghamel is-sinjal lill konvenut Pace;

Xehed ukoll il-konvenut Rosario Gatt li kkonferma li l-habta saret fuq in-naha tieghu tat-triq. Huwa qal ukoll li qabel ma sehhet il-habta huwa nduna li kien hemm zewg karozzi ipparkjati fuq in-naha l-ohra tat-triq.  Fl-ebda hin ma ra dawn iz-zewg karozzi parkeggjati qed jiccaqalqu;

Fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz u in vista tar-rizultanzi l-verzjoni ta' bint l-attur hi aktar kredibbli u verosimili. Dak li qal il-konvenut Pace ma giex konfermat minn dak li qal il-konvenut Pullicino. Dan tal-ahhar ikkonferma li bint l-attur tilfet il-kontroll tal-vettura taghha malli l-konvenut Pace beda jghamel il-manuvra biex jigbed ghan-nofs it-triq biex jevita l-karozza parkeggjata tal-konvenut Pullicino.

Il-konvenut Pace, meta xehed, naqas li jsemmi li l-konvenut l-iehor Pullicino ghamillu sinjal biex ma jiqafx wara l-karozza parkeggjata izda sabiex jmur fuq in-naha ta' quddiem tal-istess vettura parkeggjata. Minn naha tieghu l-konvenut Pullicino kkonferma li ghamel dan is-sinjal lill-konvenut Pace. Ikkonferma ukoll li bint l-attur spiccat fuq in-naha l-hazina tat-triq appuntu fil-hin li l-konvenut beda riesaq lejn nofs it-triq biex jevita l-vettura parkeggajata;

Li gara hu li l-konvenut Pace kellu l-intenzjoni li jieqaf wara l-vettura parkeggjata u beda jimmanuvra biex appuntu jghamel hekk. Kif wasal ftit il-boghod mill-vttura parkeggjata u huwa kien kwazi wieqaf, il-konvenut Pullicino ghamillu l-imsemmi sinjal. L-istess konvenut Pace minnghajr ma ta' kaz ghat-traffiku li kien gej minn warajh qabad u hareg lejn nofs it-triq biex jevita l-vettura parkeggjata u jmur jipparkeggja quddiem l-istess vettura parkeggjata. Din il-manuvra, mhux mistennija, tal-konvenut Pace kkawzat li bint l-attur li kienet gejja minn wara l-konvenut Pace titlef il-kontroll tal-vettura li kienet qed issuq u spiccat fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut Pace in effett ikkawza il-habta in kwestjoni u ghalhekk l-istess konvenut Pace ghandu jitqies unikament responsabbli ghal din il-habta;

Ma tirrizulta ebda responsabilita da parti ta' bint l-attur u da parti tal-konvenut Pullicino. Hu minnu li kien l-istess konvenut Pullicino li ghamel is-sinjal in kwestjoni. Il-konvenut Pace, pero', ma kellux jghamel dak li qallu biex jghamel l-istess konvenut Pullicino minnghajr ma qabel jispezzjona sewwa t-triq biex jara xi traffiku kien gej minn warajh. Ghalhekk il-konvenut Pace ma zammx a "proper loook-out";

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi dwar it-talbiet tal-atturi billi tilqa l-istess talbiet pero' limitatament fil-konfront tal-konvenut George Pace u b'hekk tiddikjara unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni lill konvenut George Pace, tillikwida d-danni relattivi fl-ammont komplessiv ta' elf, hames mija u tlettax-il liri maltin (Lm1513) u tikkundanna l-istess konvenut George Pace ihallas l-istess somma ta' Lm1513 in linea ta danni u dana kwantu ghal Lm1488 lis-socjeta attrci nomine u kwantu ghar-rimanenti Lm25 lill-attur Pizzuto. Bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Rosario Gatt u Paul Pullicino;

Spejjez kollha kontra l-konvenut Pace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------